MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 353/2009/1

**Talba Numru : 353/2009MK fl-ismijiet: -**

**Star Travel Services Limited (C-13206)**

**vs**

**MA.RE.SI Shipping Limited u b'digriet tat-23 ta' Frar 2010 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza tas-socjeta` S. Mifsud and Sons Limited**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fl-4 ta' Frar 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' hames mija u hamsa u tmenin ewro (€585) rapprezentanti somma li s-socjeta' attrici kellha thallas lil certa Ruth Stivala u dana a kawza ta' kancellament ta' return ticket lill-istess Ruth Stivala min-naha tas-socjeta' konvenuta (Dok "STS 1" sa "STS 8" mehmuzin mat-talba).*

*Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tad-9 ta' Frar 2009 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta MA.RE.SI Shipping Ltd fejn intqal illi, in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 (Kodici Civili.) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut mis-socjeta' konvenuta. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' m'hijiex debitrici ta' Ruth Stivala. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta qatt ma kienet parti fil-proceduri ndikati mis-socjeta' attrici fid-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba taghha.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Ltd li giet kjamata fil-kawza fejn qalet li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artiklu 2153 tal-Kap 16 (Kodici Civili). Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut mis-socjeta' kjamata in kawza u s-socjeta' kjamata in kawza zgur mhux responsabbli ghal kwalsiasi allegati danni sofferti kemm mis-socjeta' attrici u kif ukoll minn Ruth Stivala. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' kjamata in kawza qatt ma kienet parti fil-proceduri ntavolati minn Ruth Stivala u indikati mis-socjeta' attrici fid-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba taghha.*

*Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, minhabba traskuragni u negligenza imputtabli lis-socjeta' attrici, s-socjeta' kjamata in kawza giet prekluza milli*

*eventwalment tressaq id-difiza taghha u tisalvagwardja l-posizzjoni taghha, fil-proceduri indikati mis-socjeta' attrici, fuq imsemmija u konsegwentement giet pregudikata.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.*

*Sema' x-xhieda ta' Adrian Stivala, Ruth Stivala, Adrian Mifsud u Martin Baron.*

*Ra n- noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi s-socjeta' attrici esponiet illi din il-kawza hija kawza ta' rivalsa maghmula fil-konfront tas-socjeta' konvenuta kif ukoll fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza wara li s-socjeta' attrici giet infurmata mit-Tribunal tal-Konsumaturi li hija giet ordnata fis-sajf tal-2008, thallas is-somma ta' €585 lil Ruth Stivala bhala danni sofferti minnha wara li hija kienet xtrat biljett tas-safar bir-ritorn lejn Malta izda l-vapur dik il-gurnata ma hadimx. Illi d-data tal-kawza ta' rivalsa setghet issir biss wara l-ordni tat-Tribunal moghti f'Gunju 2008 ghaliex skont is-socjeta' attrici, kien meta hija hallset lil Ruth Stivala li l-azzjoni ta' rivalsa setghet issir mis-socjeta' attrici u mhux qabel. Illi s-socjeta' attrici hallset lil Ruth Stivala fid-9 ta' Frar 2009 u l-kawza infethet immedjatament wara.*

*Illi fil-mertu irrizulta li l-klijenta tas-socjeta' attrici li kienet xtrat il-biljett tal-vjagg lejn Reggio Calabria minghand l-istess Star Travel Services Ltd, kellha tirritorna Malta minn Reggio Calabria izda meta Stivala marret sabiex taqbad il-vapur lura lejn Malta sabet illi l-vjagg ma kienx ser isir ghaliex kien dahal ghat-tiswija go Drydocks' u ma kienx hemm vjagg alternattiv fl-istess post u gurnata. Illi hija ilmentat li ma kinetx giet offruta soluzzjoni hlief illi tinsel sa Pozzallo u taqbad il-catamaran lura Malta. Illi din is-soluzzjoni kienet allegatament giet moghtija lil Stivala minn impjegat tas-socjeta' konvenuta meta l-istess Stivala kienet cemplet lis-socjeta' konvenuta mill-Italja, ntebhet illi*

*hija ma setghetx tiritorna lura Malta bil-biljett li kellha f'idejha peress illi l-vapur li hija kienet ibbukjata mieghu ma kienx ha jahdem minhabba problemi teknici.*

*Illi oltre eccezzjoni fil-mertu, it-Tribunal ra li kien hemm eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ta' din il-kawza ai termini tal-artiklu 2153 tal Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi bi qbil mall-partijiet, it-Tribunal iddecieda li jisma' l-provi kollha anke fuq il-mertu u jiddeciedi kemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll l-ececzzjoni fil-mertu wara li jkun sema' l-provi kollha tal-kaz.*

*Illi kemm is-socjeta' attrici kif ukoll is-socjeta' kjamata in kawza eccepixxew preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16-il preskrizzjoni tal-azzjoni hija ta' sentejn.*

*Illi s-socjeta' attrici insistiet illi peress illi din il-kawza hija primarjament kawza ta' rivalsa, t-terminu tal-preskrizzjoni beda jiddekorri biss meta l-istess socjeta' attrici hallset lil Ruth Stivala l-ammont ordnat lilha mit-Tribunal tal-Konsumaturi. Illi l-hlas sar fi Frar, 2009. Dan il-hlas sar wara li s-socjeta' attrici saret taf illi kien hemm decizjoni moghtija mit-Tribunal tal-Konsumaturi (f'Gunju, 2008) kontra taghha fejn hija giet ordnata thallas lil Ruth Stivala, danni subiti minnha wara li hija ma setghetx tirritorna lura Malta bil-vapur li hija kienet ibbukjat mas-socjeta' attrici.*

*Illi s-socjeta' attrici tbiegh biljetti tal-ivjaggar u hija agent tal-SMS. Martin Baron ghas-socjeta' attrici qal illi huma ma kienux a konoxxenza tal-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur li kienet intavolat il-klijenta, Ruth Stivala u saru jafu biss bid-decizjoni tat-Tribunal meta rcevew ittra mill-istess Dipartiment tal-Konsumatur sabiex thallas l-ammont li hija giet ordnata thallas lil Ruth Stivala. Illi ntqal illi s-socjeta' attrici qatt ma giet infurmata bis-seduti tal-kawza quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi u ghalhekk tilfu l-opportunita' li jiddefendu l-kaz migjub kontra taghhom.*

*It-Tribunal jirrilleva li l-vjagg kellu jsir fid-19 ta' Settembru 2004 minn Reggio Calabria ghal Malta izda qatt ma sehh.*

*Sussegwentement il-klijenta bhala konsumatur fittxet id-drittijiet taghha mad-Dipartiment tal-Konsumatur u eventwalment kien hemm ordni mit-Tribunal tal-Konsumatur sabiex s-socjeta' attrici thallas ammont bhala kumpens lil Ruth Stivala.*

*Illi skont dokumenti ezebiti jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet taf bil-proceduri kontra taghha quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur, izda skont s-socjeta' attrici hija ma nghatatx l-opportunita' li tiddefendi l-kaz kontra taghha bil-konsegwenza li ttiehdet decizjoni kontra taghha.*

*Illi qabel ma t-Tribunal jidhol fil-mertu tal-kaz jirrileva li mid-dokumenti ezebiti s-socjeta' attrici kienet effettivament a konoxxenza tal-kaz quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi ghaliex sahansitra wara li Ruth Stivala kienet ilmentat mad-Dipartiment tal-Konsumatur, is-socjeta' attrici kienet infurmat lid-Dipartiment tal-Konsumaturi li kien hemm socjeta' terza li kienet responsabbli ghall-biljett tal-vjagg u mhux hija kienet responsabbli. Illi l-ilment ta' Ruth Stivala lid-Dipartiment tal-Konsumatur gie segwit b'talba lit-Tribunal tal-Konsumaturi fl-2005. Hija l-fehma tat-Tribunal illi s-socjeta' attrici kienet taf bil-kaz istitwit kontra taghha sa mill-inqas mill-2005, meta s-socjeta' attrici kienet giet infurmata li d-Dipartiment ma kienx ha jippermetti li tkun involuta socjeta' terza u mhux kif ipprova jaghti x'jifhem Martin Baron illi huma ma kienux jafu xejn bil-kaz.*

*Illi hija l-fehma tat-Tribunal, appena saret taf, illi kienet l-klijenta Ruth Stivala li fethet proceduri quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi, u wara li saret taf ukoll illi kemm is-socjeta' S Mifsud & Sons u MA.RE.SI Shipping ma kienux inkluzi, s-socjeta' attrici kellha kull interess li tissalvagwardja d-drittijiet taghha f'dak il-mument kontra l-istess socjeta' MA.RE.SI Shipping Limited jew kontra l-S. Mifsud & Sons Limited, billi tinterrompi l-azzjoni tal-preskrizzjoni u tipprezenta ittra ufficjali fil-Qorti u mhux thalli snin jghaddu kif di fatti gara. Illi l-kaz tal-klijenta*

*nqala' f'Settembru 2004; il-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi bdew f'Marzu 2005 u nqatghu f'Gunju 2008. Illi s-socjeta' attrici dehrilha sa dak iz-zmien li ma kellhiex ghalfejn izzomm ferm id-drittijiet taghha fil-konfront ta' terzi minkejja li kienet certa li kienu dawn itterzi responsabbli ghad-danni. Dehrilha li tiehu passi u tqabbad avukat biss, meta saret taf bid-decizjoni tat-Tribunal tal-Konsumaturi fl-2008 u cioe' erba' snin wara l-fatt. Illi d-decizjoni kontra s-socjeta' attrici ttiehdet f'Gunju 2008. Illi kien wara din id-decizjoni li s-socjeta' attrici ddecidiet li tiehu azzjoni kontra s-socjeta' konvenuta.*

*Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li kawza ta' rivalsa ghandha ssir malli l-parti interessata tkun a konoxxenza li hemm lok ghall-azzjoni. Illi fil-fehma tat-Tribunal kif appena Ruth Stivala ghamlet l-ilment taghha, s-socjeta' attrici kellha tippreserva u tikkawtela d-drittijiet taghha billi fl-inqas ipotesi, tinterrompi l-preskrizzjoni u mhux thalli sa wara li tittiehed id-decizjoni finali mit-Tribunal u cioe' tliet snin wara li kien beda l-kaz. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li kif appena s-socjeta' attrici kienet saret taf bil-kaz u li l-istess Dipartiment tal-Konsumaturi kien irrifjuta li jinvolvi socjetajiet terzi, hija kellha tintebah li seta' ikun hemm eventwalita' fejn hija tista' tigi obbligata thallas lil Ruth Stivala ghad-danni minnha mitluba. Illi ghal benficcju tad-dubju t-Tribunal ha jiehu d-data tat-2 ta' Marzu 2005 bhala d-data ta' meta s-socjeta' attrici kienet intebhet illi setghet tkun obbligata li thallas id-danni u huwa f'dak il-mument illi l-istess socjeta' attrici messa ssalvagwardjat id-drittijiet taghha u in kawtela tal-istess drittijiet kellha tipprezenta ittra ufficjali fil-konfront tas-socjeta' konvenuta kif ukoll messa ghamlet dan ukoll fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza jekk dehrilha li wahda minn dawn is-socjetajiet hija responsabbli ghad-danni u mhux hi. Illi t-Tribunal jaqbel mas-socjeta' attrici meta tghid illi l-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda tghaddi mal-gurnata li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata u fil-kaz odjern l-azzjoni setghet tigi ezercitata mis-socjeta' attrci sa mit-2 ta' Marzu 2005 meta saret taf bil-proceduri kontra taghha qudddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi. Illi r-rivalsa hija ghodda legali ghal min ma kienx f'pozizzjoni li jezercita din l-azzjoni legali qabel il-*

*gurnata li fiha l-azzjoni setghet tigi ezercitata. Illi fil-kaz odjern, hija l-fehma tat-Tribunal li s-socjeta' attrici mhux biss kienet taf bil-possibilita' t'azzjoni kontra terzi izda setghet tezercita din l-azzjoni sa minn Marzu 2005. Kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li jilqa' kull eventwali dikjarazzjoni ta' responsabbilita b'dawk il-proceduri billi zzomm ferm id-drittijitet taghha kontra l-konvenuti odjerni b'kull mezz a disposizzjoni taghha u mhux thalli erba' snin jghaddu.*

*Ghar-ragunijiet imsemmija t-Tribunal huwa tal-fehma li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artiklu 2153 tal-kapitlu 16 tal-Ligijjiet ta' Malta b'eghluq sentejn minn meta s-socjeta' attrici intebhet illi s-socjeta' setghet tkun obbligata li thallas ghad-danni ta' Ruth Stivala, meta t-Tribunal tal-Konsumatur kien irrifjuta li jinvolvi socjetajiet terzi imsemmija fil-kaz mis-socjeta' attrici. Dawn is-socjetajiet terzi kienu u baqghu s-socjeta' konvenuta u s-socjeta` kjamata in kawza.*

*It-Tribunal ghalhekk huwa sodisfatt illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2153 tal-Kapitlu 16 sollevata mis-socjeta' konvenuta u mis-socjeta' kjamata inkawza, giet ippruvata in piena sodisfazzjon tat-Tribunal u m'ghandux ghalfejn jiddeciedi l-kaz fuq il-mertu.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.*

*Bl-ispejjez sopportati mis-socjeta' attrici."*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Kummercjali Star Travel Services Limited (C-13206) datat 18 ta' Frar 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta-socjeta` MA.RE.SI Shipping Limited (C18503) u S. Mifsud and Sons Limited (C341)

datata 17 ta’ Marzu 2011 a fol 7 tal-process fejn sostnew ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta’ Gunju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Adrian Camilleri ghas-socjeta appellanti, u Dr. Carlo Vigna ghas-socjetajiet appellati. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 4 ta’ Frar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell odjern huwa li (a) s-socjeta’ attrici ma setghatx tagixxi kontra s-socjeta’ konvenuta u dik kjamata fil-kawza qabel ma giet ikkundannata thallas id-danni lil Ruth Stivala permezz ta’ decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur fil-kawza fl-ismijiet “Ruth Stivala vs Charles Travel” datata 13 ta’ Gunju 2008 u allura la darba l-azzjoni saret fis-6 ta’ Mejju 2009, saret entro t-terminu ta’ sentejn skond l-**artikolu 2153 tal-Kap. 16;** (b) din ma hijiex il-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz in ezami ghaliex kien hemm relazzjoni bejn s-socjetajiet appellati u dik appellanti li hija dik ta’ agent.

Illi dwar it-tieni aggravju din il-Qorti dan ma jirrizultax li tqajjem mis-socjeta’ attrici fl-ewwel istanza tant li n-nota ta’ osservazzjonijiet taghha hija limitata fuq il-mertu u wkoll fuq il-punt minn meta tghaddi l-preskrizzjoni, li huwa proprju l-ewwel aggravju u li ser jigi trattat iktar il-quddiem f’din is-sentenza.

Illi minkejja dan, il-Qorti ser titratta dan it-tieni aggravju u dwar l-istess jinghad li l-azzjoni attrici hija ppermjata fuq il-vantazzjoni li s-socjeta' attrici kellha thallas lil Ruth Stivala d-danni li din ta' l-ahhar inkorriet meta l-vapur li kellu jwassalha Malta, u li tieghu xtrat il-biljett minghand is-socjeta' appellanti baqa' ma hadimx, u s-socjeta' attrici kellha thallas tali ammont lilha ghaliex giet ikkundannata thallas tali ammont mit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur, f'kawza li jidher li l-istess socjeta' attrici ma iddefendietx, minkejja li giet informata bl-istess kawza f'Mejju 2005. Konsegwenti ghal dan, il-kawza giet deciza 13 ta' Gunju 2008, u saret din l-azzjoni ta' rivalsa. Mela allura r-raguni ghaliex saret din il-kawza kien proprju l-ezitu ta' din il-kawza, li l-istess socjeta' attrici jidher li ma intervinietx fiha, u allura l-azzjoni attrici ma hijiex naxxenti mir-relazzjoni li kellha mas-socjetajiet appellati, izda proprju kawza tal-proceduri li hija tilfet ghaliex ma intervenietx fihom attivament mibdija kontra taghha minn Ruth Stivala. Huwa ghalhekk li allura japplika l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 ghaliex din hija bazikament azzjoni ta' rivalsa u ta' danni li l-istess socjeta' attrici qed tippretendi li sofriet kawza proprju tal-pronunzjament tad-decizjoni kontra taghha, kawza li jidher li hija tilfet ghaliex ma pprotegietx il-posizzjoni taghha kemm vis-a-vis l-attrici f'dik il-kawza u kemm ukoll fil-konfront tas-socjetajiet appellati. Jirrizulta wkoll li bejn is-socjeta' attrici appellanti u s-socjeta' konvenuta appellata lanqas kien hemm relazzjoni ta' xejn, fil-waqt li r-relazzjoni bejn is-socjeta' attrici u dik kjamata fil-kawza kienet biss li s-socjeta' attrici kienet tixtri biljetti minghand is-socjeta' kjamata fil-kawza u allura ma jirrizultax li kien hemm xi relazzjoni ta' agent bejn l-istess zewg socjetajiet. B'hekk it-tieni aggravju qed jigi michud.

Illi dwar l-ewwel aggravju huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrali li t-terminu ghad-dekors tal-preskrizzjoni jibda jghaddi mill-mument li setghet issir l-azzjoni relattiva **("Mario Lapira vs C & A Company Limited"** A.I.C. – 2 ta' Gunju 2003) u f'azzjoni ta' rivalsa dan ikun mid-data meta l-attur ikun gie espost ghall-eventwalita' li jkun obbligat li jhallas id-danni u f'dan il-kaz huwa allura l-mument meta giet istitwita l-kawza kontra s-socjeta' attrici

jew almenu mid-data meta hija kienet notifikata jew saret taf bl-istess (**"Michael Vella vs Andrew Camilleri"** (A.C. – 28 ta' Novembru 2003). Illi ghalhekk kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li f'dak il-mument li hija saret taf bil-kawza li saret kontra taghha, li jirrizulta li kien fis-sena 2005, kif stabbilit fl-istess decizjoni hawn appellata, hija tippreserva kull dritt li hija tippretendi li kellha li ddur fuq is-socjetajiet appellati, u ghalhekk il-preskrizzjoni kellha tibda minn dak in-nhar. Fil-fatt it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ikkonsidra li s-socjeta' attrici *"sa mit-2 ta' Marzu 2005 meta saret taf bil-proceduri kontra taghha qudddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi"* u allura sewwa rritjeni li minn dik id-data huwa setgha jagixxi kontra s-socjetajiet appellati . B'hekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjetajiet appellati datata 17 ta' Marzu 2011 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Star Travel Services Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 16 ta' Frar 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi "Star Travel Services Limited vs MA.RE.SI Shipping Limited et" (Avviz Numru 353/09/MK) datata 4 ta' Frar 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Star Travel Services Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------